KUNSILL TA'
L-UNJONI EWROPEA

**Brussell, 20 ta' Marzu 2009 (25.03)**
**(OR. en)**

**5388/1/08 REV 1**

**COPEN 6**

**NOTA RIVEDUTA**

| | |
|---|---|
| Minn: | Delegazzjoni Olandiża |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Suġġett: | Deċiżjoni Kwadru tal-Kunsill 2005/214/ĠAI ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji - notifika |

Skond l-Artikolu 2(1) tad-Deċiżjoni 2005/214/ĠAI ta' l-24 ta' Frar 2005 dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji, l-Olanda b'dan qed tinnotifika li l-prosekutur pubbliku ta' l-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku tad-distrett ta' Leeuwarden huwa l-awtorità kompetenti fir-rigward ta':

- rikonoxximent u eżekuzzjoni ta' penali finanzjarja imposta fi Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea;
- trasmissjoni ta' deċiżjoni li timponi penali finanzjarja fl-Olanda lil Stat Membru ieħor ta' l-Unjoni Ewropea bil-ħsieb li tiġi eżegwita f'dak l-Istat.

L-Olanda tinnotifika wkoll li l-awtorità kompetenti responsabbli għat-trasmissjoni u r-riċeviment amministrattivi tad-deċiżjonijiet skond id-deċiżjoni kwadru dwar l-applikazzjoni tal-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' penali finanzjarji hi:

Centraal Justitieel Incassobureau
Europese geldelijke sancties
P.O. Box 185,
8900 AD Leeuwarden

tel. +31 (0)58 2533700

posta elettronika: centralauthority@cjib.minjus.nl

Fir-rigward ta' l-Artikolu 16(1) tad-Deċiżjoni Kwadru l-Olanda tiddikjara li minbarra ċ-ċertifikati mfassla bl-Olandiż u bl-Ingliż, ċertifikati f'lingwa uffiċċjali oħra ta' l-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ser jiġu aċċettati bil-kondizzjoni li dawn ikollhom mehmuża traduzzjoni bl-Ingliż.